



BANK ĊENTRALI EWROPEW
SUPERVIŻJONI BANKARJA

Direttorat Ġenerali Finanzi
Taqsimha Baġit u Kontroll

ECB-PUBLIC

[Dan il-messaġġ qiegħed jintbagħat bl-awtorizzazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew]

Jekk jogħġbok uża din il-link <https://www.bankingsupervision.europa.eu/pdf/291fab8ddc7235156598/html/index.en.html> jekk tixtieq taqra l-ittra b'lingwa oħra.

Għażiż/a Sinjur/a,

Qegħdin niktibulek fil-kariga tiegħek ta' debitur tariffarju reġistrat mal-[portal onlajn tat-tariffi superviżorji](#) tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

Nixtiequ ngħarrfuk li l-BĊE dan l-aħħar aġġorna t-[taqsima tat-tariffi superviżorji](#) fis-sit tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE. Fiha taġħrif siewi bil-lingwi kollha tal-UE fuq affarijiet bħal:

- (i) [formoli](#) u [struzzjonijiet aġġornati](#) biex jintbagħtu l-fatturi tariffarji għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji 2017;
- (ii) l-ammont totali ta' tariffi annwali: fit-28 ta' April 2017 il-BĊE ppubblika d-deċiżjoni tiegħu fuq l-[ammont totali tat-tariffi superviżorji annwali għall-2017](#);
- (iii) gwida prattika addizzjonali fit-[taqsima tal-mistogsijiet komuni](#);
- (iv) dettalji fuq il-ħruġ tat-tagħrif dwar [l-avviżi tariffarji u l-ħlas](#).

Nixtiequ nieħdu din l-opportunità biex infakkruk fid-dati tal-għeluq importanti li jmiss fejn jidħlu t-tariffi superviżorji tal-BĊE.

Id-debituri tariffarji għandhom jibagħtu l-fatturi tariffarji taġħhom lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs) sat-3 ta' Lulju 2017 billi jużaw il-[formoli](#) aġġornati li jinsabu fis-sit tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE. Id-debituri tariffarji għandhom jibagħtu l-fatturi tariffarji bid-data ta' referenza tal-31 ta' Diċembru 2016.

Id-debituri tariffarji huma mitlubin javżaw lill-BĊE sat-3 ta' Lulju 2017 b'kull tibdil fid-dettalji ta' kuntatt taġħhom sabiex jibagħtu l-avviż tariffarju. Dan għandu jsir permezz tal-[portal onlajn tal-BĊE](#). Huwa importanti ferm li żżomm id-dettalji ta' kuntatt tiegħek aġġornati, b'mod partikolari l-indirizz tal-*email* tiegħek, billi l-BĊE jikkomunika mad-debituri tariffarji bil-posta elettronika. Meta tiċċekkja d-dettalji ta' kuntatt, għandek ukoll tivverifika, tibdel jew taġġorna d-dettalji tal-metodu ta' ħlas (IBAN u BIC) jekk tixtieq li t-tariffi superviżorji jiġu debitati direttament mill-BĊE. Jekk tkun trid taġġorna l-isem tal-entità legali tiegħek, jekk jogħġbok ibgħat *email* lil SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu.

Il-gruppi taħt superviżjoni għandhom ikunu jafu li d-data tal-għeluq biex jinnominaw debitur tariffarju ġdid, jew biex jaġġornaw il-formola tan-nomina ta' debitur tariffarju li tkun intbagħtet lill-BĊE minħabba bidla fil-kompożizzjoni tal-grupp, hija t-3 ta' Lulju 2017. Il-BĊE jista' jiġi notifikat billi tintbagħat jew (i) il-[formola ġdida tan-notifika ta' debitur tariffarju](#), jew (ii) il-[formola simplifikata tan-notifika ta' debitur tariffarju](#) li sservi biex taġġorna l-formola oriġinali li tkun intbagħtet. M'hemmx għalfejn tintbagħat il-formola tan-nomina ta' debitur tariffarju jekk l-istruttura tal-grupp taħt superviżjoni ma tinbidilx (i.e. ebda entità ġdida taħt superviżjoni ma ssir parti mill-grupp) u l-istess debitur tariffarju jibqa' jaġixxi għall-grupp taħt superviżjoni. Bħas-sena l-oħra, id-dejta tal-fatturi tariffarji mibgħuta lill-NCA se tkun disponibbli għar-reviżjoni tad-debituri tariffarji fil-bidu ta' Awwissu (il-ġimgħa 32) qabel ma titqies fil-kalkolu tat-tariffi superviżorji individwali għall-2017. Ikollok ħamest ijiem tax-xogħol biex tagħmel il-kummenti tiegħek fuq id-dejta tal-fatturi tariffarji fil-każ li tqis li din ma tkunx korretta. L-avviż tat-tariffa superviżorja tal-BĊE se jintbagħatlek elettronikament f'Ottubru 2017. Għall-konvenjenza tiegħek, se tirċievi notifiċi bil-posta elettronika meta l-fatturi tariffarji u l-avviż tariffarju jkunu disponibbli fil-portal onlajn. Inhegħguk tikkonferma l-validità tal-kredenzjali tiegħek lill-portal bil-quddiem. Jekk ikollok problemi bl-IT – bħal ma jkollokx l-awtorizzazzjoni jew tagħlaqlek il-*password* – jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tim tal-assistenza teknika hawn SSM.SupervisoryFees@ecb.europa.eu.

FI-aħħar, il-BĊE dan l-aħħar fetaħ [konsultazzjoni pubblika](#) fuq ir-rieżami tar-[Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji](#). Ir-rieżami se jiffoka fuq il-metodoloġija u l-kriterji għall-kalkolu tat-tariffi superviżorji annwali li għandhom jinġabru mingħand kull entità u grupp taħt superviżjoni. It-tweġibiet għall-konsultazzjoni jipprovdu gwida importanti lill-BĊE meta jiġi biex iħejji, jekk ikun il-każ, aġġornament formali għar-Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji. Il-partijiet interessati għandhom sitt ġimgħat biex jibagħtu l-kummenti tagħhom billi jużaw il-formoli speċifiċi.

Għal mistoqsijiet fuq l-obbligi tiegħek jew affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mat-tariffi superviżorji, jekk jogħġbok ara [s-sit tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE](#). Il-BĊE huwa lest ukoll jipprovdu l-għajnuna meħtieġa, l-aħjar permezz tal-posta elettronika (SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu).

Tislijiet,

It-tim tal-BĊE – Mistoqsijiet fuq it-tariffi tal-MSU